**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta 15 ta' Dicembru 2020**

**Talba Numru 115/2020SFJ**

***Alexander Muscat Azzopardi fil-kapaċità tiegħu bħala amministratur ta' St Paul's Court Owners' Association Condominium***

***vs.***

***Malcolm Galdes (464780M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-25 ta' Ġunju 2015 li permezz tagħha l-attur nomine talab lil dan it-Tribunal sabiex:

i. Jiddikjara lil l-konvenut huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' elf u seba' mija u Ewro waħda u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1,701.56) li jikkonsisti fis-sehem tal-konvenut għall-kontribuzzjoni annwali għal spejjeż ordinarji, manutenzjoni, preżervazzjoni u l-użu tal-komun tal-appartamenti formanti parti mill-kondominju fejn il-konvenut huwa l-proprjetarju ta' Flat 65 fi Blokk G;

ii. Jikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u seba' mija u Ewro waħda u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1,701.56); u

iii. Jordna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u seba' mija u Ewro waħda u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1,701.56).

Ra li fl-Avviż tat-Talba, l-attur nomine spjega li l-konvenut, li ġie interpellat iżda baqa' inadempjenti, huwa l-proprjetarju ta' Flat 65 fi Blokk G u li l-ammont relattiv jirrappreżenta sehem il-konvenut għal spejjeż ordinarji, manutenzjoni, preżervazzjoni u l-użu tal-partijiet komuni.

Ra li ntalbu l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut li kien inġunt għas-subizzjoni.

Ra l-i*statement of account* (fol. 4) li jikkorrobora l-kontenut tal-Avviż tat-Talba.

Ra r-riferta relattiva li tikkonferma li l-konvenut ġie nnotifikat bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-Smigħ nhar id-29 ta' Lulju 2020.

Ra li l-konvenut ma ppreżentax Risposta u lanqas deher għas-seduti miżmuma.

Ra li fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2020 xehed Alexander Muscat Azzopardi li kkonferma li l-ammont mitlub tħallas kollu u baqa' biss li jitħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta' Novembru 2020.

**<u>Provi ippreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal osserva li fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2020 xehed Alexander Muscat Azzopardi li kkonferma li l-ammont mitlub tħallas kollu u baqa' biss li jitħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jirrileva li l-mertu tal-kawża ġie eżawrit billi l-konvenut ħallas l-ammont relattiv lill-attur nomine. Madankollu, it-Tribunal ser jipprovdi dwar l-ispejjeż tal-kawża billi x-xhud xehed li dak huwa l-uniku bilanċ pendenti.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jastjeni milli jkompli jieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża billi l-konvenut ħallas l-ammont mitlub mill-attur nomine iżda jordna li l-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża stante li bil-ħlas li huwa wettaq, huwa ammetta t-talba.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**